# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru : 18**

**Rikors numru 1173/14/1 LM**

**Christopher Rizzo**

**v.**

**Keith Rizzo; Maria Rita Pisani; u Michael Rizzo u Nicholas Rizzo bħala l-eredi ta' Stephen Rizzo**

**Il-Qorti:**

1. L-attur fetaħ din il-kawża biex iwaqqa' kuntratt li permezz tiegħu oħtu akkwistat villa. Jallega li l-kuntratt sar mingħajr il-kunsens tiegħu, permezz ta' prokura li huwa ma ffirmax u għalhekk sar b'qerq.

**Il-Fatti**

2. L-attur Christopher Rizzo, flimkien mal-konvenuti Maria Rita Pisani, Keith Rizzo u Stephen Rizzo ("l-aħwa Rizzo"), huma l-erbat ulied ta' Joseph John Rizzo u Erminia Rizzo. Stephen Rizzo miet u wirtuh uliedu Michael u Nicholas Rizzo.

3. Fit-23 ta' Settembru 1974, Walter u Josephine Rizzo – zijiet tal-aħwa Rizzo - taw b'donazzjoni s-somma ta' £13,000 lill-aħwa Rizzo. B'din is-somma, l-aħwa Rizzo akkwistaw, b'kuntratt tal-14 ta' Diċembru, 1974, villa bl-isem *Villa Flolia*, u kif ukoll l-art ta' madwarha fl-Iklin, limiti tan-Naxxar.

4. Fis-sena 1973 Christopher Rizzo mar jistudja l-Ingilterra fejn eventwalment beda jaħdem, iżżewweġ, u rabba familtu.

5. Minn dakinhar li ġiet akkwistata l-villa sa Marzu 2014, għexu fiha l-ġenituri tal-aħwa Rizzo; u l-aħwa Rizzo l-oħrajn sakemm telqu u/jew iżżewġu u ħadu l-istat tagħhom.

6. Bejn l-1992 u 2002 Christopher Rizzo reġa' ġie jgħix Malta, fejn bena daru qrib *Villa Flolia.*

7. F'Marzu 2014 Keith Rizzo għarraf lil Christopher Rizzo li oħthom Maria Rita Pisani u żewġha kienu avviċinawh u offrewlu l-ħlas tas-sehem ta' *Villa Flolia* li Christopher Rizzo kien begħelha. Allegatament il-bejgħ kien sar bis-saħħa ta' prokura li kien irrilaxxja Christopher Rizzo.

8. B'sentenza tat-12 ta' Ġunju 2020, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur wara li kkunsidrat:

> "Minkejja l-verżjonijiet kunfliġġenti mogħtija mill-partijiet f'din il-kawża, il-Qorti setgħet tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar il-mertu, mhux biss abbażi tal- probabbilitajiet ta' kif seħħew l-affarijiet, iżda wkoll għaliex tqis li wħud mill- provi li ngabu fil-kawża huma suffiċjenti sabiex il-Qorti tista' tasal għall- konklużjonijiet tagħha. Il-kawża tal-attur hija bbażata fuq l-asserzjoni tiegħu li huwa qatt ma ta l-kunsens tiegħu għat-trasferiment tas-sehem indiviż tiegħu fil-proprjetà mertu ta' dawn il-proċeduri u għalhekk huwa nieqes wieħed mill- elementi li jsawru l-validità ta' kuntratt - il-kunsens. L-attur jgħid li huwa qatt ma ta l-kunsens tiegħu għal dan it-trasferiment, u l-firma fuq il-prokura li bis-saħħa tagħha seta' jiġi ffirmat dan it-trasferiment mhijiex tiegħu. Il-Qorti kkonsidrat ix-xhieda tal-esperti tal-kalligrafija li taw id-depożizzjoni tagħhom fil- kawża, li ma qablux ma' xulxin, minkejja li lkoll għamlu analiżi tal-istess firma fuq l-istess prokura. Mill-provi jirriżulta li kemm l-attur kif ukoll ħuh, spiss kienu jintalbu jiffirmaw dokumenti minn missierhom, u ħafna drabi huma kienu jagħmlu dak li jgħidilhom il-missier mingħajr ma jaqraw x'kienu qegħdin jiffirmaw jew jitolbu spjega ta' x'kien qiegħed jintalab minnhom. Hawnhekk il-Qorti tqis li huwa ferm inverosimili li l-firma fuq il-prokura inkwistjoni hija waħda falsifikata, għaliex l-attur stess ikkonferma li kull darba li missieru kien jitolbu jiffirma xi dokument, huwa kien jagħmel dan mingħajr problemi. L-istess ħaġa ġiet ikkonfermata minn ħuh Keith. Il-missier ma kellu l-ebda problema biex jikseb il-firem ta' wliedu, li lkoll xehdu li kienu jobdu u jagħmlu dak li jintalab minnhom mingħajr mistoqsijiet ta' xejn. Għaldaqstant il-Qorti mhix ser titlaq mill-premessa jew taċċetta li l-firma tal-attur fuq il-prokura li bis-saħħa tagħha sar l-att ta' trasferiment kienet falsifikata, kemm minħabba dak li xehdu l-attur u ħuh dwar il-mod kif kienu jitmexxew l-affarijiet tan-negozju fil-familja tagħhom, kif ukoll minħabba dak li kkonkludiet l-esperta Dr Juliana Scerri Ferrante, li spjegat fid-dettall il-metodoloġija li ħadmet biha sabiex waslet għall-konklużjoni li l-firma fuq il-prokura hija tal-attur. L-attur jgħid li dik il-firma ma setgħetx saret minnu għaliex fil-15 ta' April, 1983 huwa ma kienx Malta. Din l- asserzjoni bir-rispett kollu ma treġix, u f'ċirkostanzi fejn in-negozju tal-familja kien qiegħed jitmexxa taħt il-kontroll assolut tal-

missier li kien jesiġi li jiġu ffirmati diversi dokumenti bil-quddiem, li wliedu ma kinux jifhmu jew jivverifikaw x'kienu, il-Qorti kienet tistenna li l-attur ma jistrieħx fuq il-fatt li huwa ma kienx jaf x'kien qed jagħmel jew għal xiex kien qiegħed jiffirma kull darba li huwa ntalab jiffirma u għamel dan mingħajr ebda riservi. Mill-provi jirriżulta li l-attur għandu livell għoli ta' edukazzjoni, studja f'universitajiet barranin u ħadem f'karigi ta' ċerta responsabbilità f'diversi pajjiżi, u għalhekk ma jistax jiġi quddiem il-Qorti u jipprova jilgħab il-karta li meta kien jiffirma huwa ma kienx ikun jaf x'qed jagħmel jew ma kienx qiegħed jifhem l- implikazzjonijiet ta' dak li kien qiegħed jiffirma. Spiss jiġri f'pajjiżna, fir-realtà tan-negozju mmexxi minn membri tal-istess familja, fejn id-diretturi ma jkunux disponibbli fuq il-post tan-negozju l-ħin kollu, li dawn jintalbu jħallu dokumenti bil-firem tagħhom fuqhom. Minkejja li dan ħafna drabi jsir għall-finijiet ta' prattiċità, b'danakollu ma jfissirx li din hija prattika rakkommandabbli jew li hija waħda korretta. F'dan il-każ, l-attur qiegħed jinqeda b'din il-prattika komuni, minkejja li fil-fehma tal-Qorti hija prattika żbajata, sabiex isostni l-pretensjoni tiegħu li huwa ma kienx jaf bit-trasferiment li qiegħed jipprova jimpunja f'din il- kawża u dan meta jirriżulta li l-attur ibbenefika minn kuntratti oħra li ġew iffirmati bis-saħħa tal-istess prokura, fosthom il-kuntratt tal-akkwist u d- diviżjoni tal-art li permezz tagħha hu ġie allokat porzjon art ta' aktar minn elfejn u ħames mitt metru kwadru (2,500m2) li fuqha huwa bena r-residenza tiegħu, "Villa Flamella". Mill-provi jirriżulta wkoll li l-attur uża din il-proprjetà bħala garanzija għal faċilitajiet bankarji li ġew konċessi lilu tul is-snin, fatt dan li jxejjen l-allegazzjoni tiegħu li huwa ma kienx jaf b'liema mod dik il-porzjon art kienet ġiet trasferita lilu, u li ma kienx jaf li proprju "Villa Flamella" kienet il-proprjetà tiegħu u l-ebda proprjetà oħra li ssemmiet f'dawn il-proċeduri. L-aġir tal-attur tul is-snin ukoll ixejjen il-pretensjoni tiegħu li huwa kien mingħalih li l-kwart indiviż li huwa kellu f''Villa Flolia" kien għadu tiegħu, tant hu hekk li l-mara tiegħu xehdet li hija kienet taħt l-impressjoni li "Villa Flolia" kienet proprjetà tal-ġenituri tal-attur u ta' ħadd aktar. Li kieku l-attur tabilħaqq kellu xi pretensjonijiet rigward "Villa Flolia", kif qiegħed jgħid li kellu sa almenu Marzu tal-2014, f'aktar minn tletin sena żwieġ wieħed kien jistenna li jinforma b'dan almenu lill-mara tiegħu. Anki mix-xhieda tal-accountant Joseph Aquilina ma jirriżultax li l-attur għal snin twal ma kienx jaf bit-trasferiment li qiegħed jittenta jimpunja, u dan minħabba li mid-dikarazzjonijiet tat-taxxa tal-attur jirriżulta li wara l-1983 huwa ma baqax jirċievi parti mill-kera nominali li kienu jħallsu l- ġenituri tiegħu.

Tul dawn il-proċeduri l-attur ipprova jagħti l-impressjoni li huwa kien kompletament maqtugħ min-negozju tal-familja, li ma kienx ikun jaf x'inhu jiġri, li kien jintalab jiffirma mingħajr ma jkun jaf għal xiex iffirma, li saħansitra d- dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu kien jeħodlu ħsiebhom ħaddieħor u li hu ma kellu l-ebda sehem fit-teħid tal-aktar deċiżjonijiet li jaffettwawh mill-qrib f'ħajtu, bħalma huma deċiżjonijiet dwar il-proprjetà tiegħu. L-attur, bniedem ta' ċertu profil, mhux biss fil-qasam tan-negozju, iżda li avvanza akkademikament, irid jikkonvinċi lill-Qorti li huwa bena villa ġewwa l-Iklin, mingħajr ma indaga dwar il-mod kif l-art li fuqha nbniet il-villa kienet saret tiegħu, sempliċiment għaliex missieru

qallu li dik hija tiegħu u jista' jmur jibniha, qabbad perit u beda jibni. L-attur ipprova jikkonvinċi lill-Qorti li huwa uża l-proprjetà mibnija minnu bħala garanzija lill-bank, mhux għaliex kien jaf li dik kienet l-proprjetà li ġiet assenjata lilu wara li saret id-diviżjoni tal-art bejn l- aħwa, fejn huwa kien deher bil-prokura ffirmata fl-1983, iżda b'xi kumbinazzjoni. L-attur irid lill-Qorti temmen li għal aktar minn tletin sena huwa ma kienx jaf li sehmu f'dik il-proprjetà ġie ttrasferit lil oħtu l-konvenuta, li qatt ma ra riċerki, u li l-ġenituri tiegħu jew ħutu qatt ma qalulu li dik il-proprjetà ġiet trasferita kollha kemm hi lill-konvenuta Maria Rita Pisani. Il-Qorti mhijiex konvinta li l-impressjoni li ppruvat tingħata mill-attur waqt dawn il-proċeduri għandha mir-realtà, partikolarment meta jirriżulta li l-attur qiegħed ikun selettiv fir-rigward ta' liema kuntratti qiegħed jipprova jimpunja abbażi tal-pretensjoni tiegħu li l-firma fuq il-prokura inkwistjoni hija waħda ffalsifikata u li huwa qatt ma ta l-kunsens tiegħu għal dan it-trasferiment. Għall-kuntrarju tal- impressjoni li qiegħed jipprova jagħti l-attur, il-Qorti hija konvinta li l-attur kien jaf bit-trasferiment ta' sehmu minn "Villa Flolia", u li ta l-kunsens tiegħu għal dan, u li huwa kien jaqbel mal-arranġament li filwaqt li Maria Rita Pisani kellha tieħu "Villa Flolia", ħutha s-subien kellhom jieħdu porzjon art fl-istess akkwati fejn setgħu huma wkoll jibnu l-proprjetà tagħhom, apparti li bbenefikaw mill-ġid tal-familja b'modi oħra".

9. L-attur ħassu aggravat bis-sentenza u qiegħed jinterponi appell minnha b'għadd ta' aggravji esposti f'ħafna tul li qegħdin jiġu rikapitolati kif ġej:

10. **L-ewwel aggravju:** L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti billi:

**(i) Il-fatt li l-appellant iffirma diversi dokumenti għall-familja bl-ebda mod ma jfisser li ffirma l-prokura;**

**(ii) Il-fatt li saru kuntratti oħrajn bl-istess prokura ma jimplikax kunsens għat-trasferiment mertu ta' din il-kawża;**

**(iii) Ħadet inkonsiderazzjoni l-formoli tat-taxxa meta dawn kienu jimtlew mill-*accountant* tiegħu u mhux minnu.**

11. Fil-każ tal-partijiet (i) u (ii), l-appellant mhuwiex qiegħed jikkontesta l-konstatazzjoni tal-fatti li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li ġew ippruvati. Lanqas qiegħed jallega li l-Qorti injorat xi fatti oħrajn rilevanti u li jirriżultaw mill-atti. Dak li qiegħed jgħid l-appellant hu li ma jaqbilx mad-deduzzjonijiet li l-Qorti siltet mill-fatti. Jattakka r-raġunament tal-Qorti b'difetti loġiċi. Jgħid li d-deduzzjonijiet li huwa ffirma għal diversi dokumenti oħrajn tal-familja, *ergo* ffirma l-prokura wkoll, u li saru kuntratti oħrajn li fihom ta l-kunsens tiegħu bl-istess prokura, *ergo* ta wkoll il-kunsens tiegħu għall-kuntratt inkwistjoni, huma silloġiżmi difettużi.

12. Dak li mhuwiex qiegħed japprezza l-appellant huwa li l-Qorti m'għamlet l-ebda raġunament bħal dan. Dak li għamlet il-Qorti hu li għamlet id-deduzzjonijiet tagħha mill-fatti msemmija, kif ukoll ta' oħrajn, mhux fuq bażi ta' xi konsegwenza loġika formali neċessarja hekk kif esposta minn Aristotile biex isib il-verità assoluta, imma fuq bażi **ta' probabbiltà,** ta' **kredibilità** u ta' **verosimiljanza.** Qorti ta' kompetenza ċivili mhijiex tenuta tilħaq grad ogħla ta' prova mil-livell ta' probabbiltà. Lanqas *in sede* penali ma hemm il-ħtieġa ta' xi ċertezza assoluta għaliex il-livell meħtieġ huwa dak ta' lil hinn minn dubju raġjonevoli. Dan huwa tip ta' raġunament prattiku, imħolli f'idejn l-Ewwel Qorti bħala arbitru

sovran tal-fatti u li ma jistax jiġi ddisturbat sakemm ma jkunx wieħed tant inkongruwu li l-ebda Qorti ta' reviżjoni ma tkun tista' tasal għall-istess konklużjoni. Mhux biżżejjed għalhekk għall-appellant li sempliċiment jagħmel id-deduzzjonijiet li jogħġbu lilu u jistieden lil din il-Qorti biex tissostitwihom għal dawk magħmulin mill-Ewwel Qorti.

13. Din il-Qorti ma ssib xejn ħażin fil-piż li l-Ewwel Qorti tat għal diversi ċirkostanzi; pereżempju: (a) l-appellant iffirma *Memorandum and Articles* biex twaqqfet *holding company* tan-negozju tal-familja Rizzo fl-istess perjodu li fiha ġiet iffirmata l-prokura u li fiha kien allegatament imsiefer (b) l-aħwa subien inkluż l-appellant ċedew sehemhom mill-villa favur oħthom filwaqt li oħthom ċedietilhom art tmiss magħha li fuqha bnew id-djar rispettivi tagħhom. Għal dan l-iskop intużat l-istess prokura. L-Ewwel Qorti ġustament ma sabet xejn kredibbli li l-firma kienet tajba biex l-attur akkwista l-proprjetà tiegħu anke mingħand oħtu iżda falza biex ċeda sehmu lil oħtu. Hija laqtet il-musmar fuq rasu meta kkummentat li l-attur kien "qiegħed ikun selettiv fir-rigward ta' liema kuntratti qiegħed jipprova jimpunja abbażi tal-pretensjoni tiegħu li l-firma fuq il-prokura inkwistjoni hija waħda falsifikata".

14. L-appellant mhuwiex korrett fuq il-fatti f'parti numru (iii) fejn jallega li dawn kienu jimtlew mill-*accountant* u mhux minnu. Filwaqt li huwa minnu li l-formola tat-taxxa għas-sena 1981 ġiet iffirmata mill-*accountant*

Joseph Aquilina fl-assenza tal-attur, dik riferenti għas-sena 1993 kienet ġiet iffirmata mill-appellant innifsu u dan kif jirriżulta mill-formola stess. Għalhekk fir-rigward ta' din l-aħħar formola huwa ma jistax jinħeba wara l-*accountant*.

15. Kif sewwa tirrileva l-appellata Maria Pisani fir-risposta tal-appell tagħha, sas-sena bażi 1993, kull min jissottometti l-formola tat-taxxa fuq id-dħul tiegħu, kellu jannetti ukoll dikjarazzjoni tal-assi kapitali/immobbli li huwa kellu. Minkejja li l-formola tat-taxxa tal-appellant għas-sena bazi 1981 hemm iddikjarat illi l-appellant huwa sid ta' 25% ta' Villa Flolia u jipperċepixxi 25% tal-kera perċebibbli mill-istess, il-formola tat-taxxa li jmiss riferenti għas-sena bażi 1993, liema formola, kif diġà ngħad, ġiet iffirmata mill-appellant stess, l-appellant jiddikjara bħala assi immobbli l-art li fuqha huwa bena l-proprjetà tiegħu Villa Framella u ma jagħmel l-ebda referenza għal Villa Flolia u/jew il-kera mill-istess.

16. **It-tieni aggravju: L-Ewwel Qorti żbaljat meta straħet fuq l-espert kalligrafu mqabbda mill-konvenuti u mhux fuq l-esperti mqabbdin minnu.**

17. Għal dan l-aggravju twieġeb sewwa l-appellata Maria Rita Pisani illi:

“44. ... fil-waqt illi r-rapport ta’ Dr Scerri Ferrante ġie preżentat u maħluf quddiem il-Qorti, ir-rapporti tal-appellant la ġew appreżentati mill-awturi rispettivi u lanqas ma ġew ikkonfermati mill-istess awturi bil-ġurament tagħhom.

-omissis-

46. Illi r-rapport ta’ Dr Scerri Ferrante huwa komprensiv, ċar u inekwivoku u jagħti redikont dettaljat tal-metodoloġija użata. Illi kuntrarjament għar-rapporti ex parte tal-appellant, ir-rapport ta’ Dr Scerri Ferrante huwa bażat fuq analiżi ta’ firxa ta’ firem li ma ġewx identifikati mill-esponenti stess iżda li saret tfittxija għalihom mill-esperta innifisha mill-arkivji jew postijiet oħra fejn seta’ kellha aċċess għal-dokumenti kontinenti firem tal-istess appellant.

47. Illi fil-maġġoranza assoluta tal-każijiet, l-esperta analizzat il-firem fil-kopja oriġinali tagħhom, inkluż il-firma in diżami9na, liema firem instabu fuq dokumenti uffiċċjali konservati ma’ awtoritajiet jew preżentati f’kawżi l-Qorti li tagħhom l-atur kien parti, u liema firem ma ġew bl-ebda mod ikkontestati matul iż-żmien.

48. Illi l-analiżi tal-esperta ex parte tal-esponenti ikkunsidrat ferm aktar karatteristiċi u *traits* tal-firma minn dawk anaizzati mill-awturi tar-rapporti ex parte tal-appellant u għalhekk annalizzat il-firem fit-totalita’ tagħhom. Dan kollu wassal għall-konklużjoni assoluta tagħha illi l-firma in diżamina hiuja fil-fatt tal-appellant in kwantu taqa’ fil-limiti ta’ varjazzjoni tal-firma tiegħu.

49. Illi minn naħa l-oħra huwa l-appellant stess li jxejjen il-kredibilita’ tal-ewwel rapport ppreżentat u dan meta huwa stess talab li jirregola ruħu dwar dan ir-rapport wara l-pronunjament tas-sentenza mill-Qorti tal-Appell mogħtija fid-29 ta’ April 2016 Cit Nru 1429/99JPG fejn ġew evidenzjati il-preċedenti penali tal-awtur tal0imsemmi rapport Dr Martin Bajada li jitfgħu dubju serji fuq l-integrita’ tiegħu u l-attendibilita’ tal-istess rapport. Kien propju għalhekk illi l-appellant ipproċeda illi jippre4żenta rapport ex parte ieħor ta’ ċerta Kate Strzelczyk, persuna għal kollox skonoxxuta għall-Qrati Maltin.

50. illi dan ir-rapport lanqas biss jinkludi bġala annex d-dokumeti li suppost ġew analizzati. Fil-fatt minkejja referenza għall-elenku ta’ dokumenti li suppost ġew analizzati, r-rapport effettivament jidher li huwa bbażat biss fuq analiżi ta’ tlett *reference signitures*. In oltre’ jirriżulta illi l-imsemmija esperta espletat l-inkarigu tagħha barra minn Malta u għalhekk ma analizzatx il-firma in diżamina fil-forma oriġinali tagħha u dan stante illi hija ma kellhiex aċċess għall-istess. B’hekk hija ma setgħetx tistudja l-għafsa tal-firma, li hija karatteristika importanti ħafna għaliex kif tgħid Dr Scerri Ferrante fix-xhieda tagħha, ma tistax tiġi kkupjata. Importanti li wieħed josserva illi l-konklużjoni tas-sinjura Strzelczyk fil-fatt tvarja minn dik ta’ Martin Bajada in kwantu skond Kate

Strzelczyk il-livell ta' probabilita' tal-allegata falsifikazzjoni huwa aktar baxx.

51. Illi t-tielet rapport redatt minn Joseph Mallia ma janalizzax il-ġenwinita' tal-firma fuq il-prokura de quo, iżda jitlaq mill-presunzjoni żbaljata li l-firma fuq il-prokura m'hijiex tal-appellant. L-għan tar-rapport kien sempliċiment dak li jiġu evidenzjati similaritajiet bejn il-firma fuq il-prokura u l-firma ta' missier l-appellant.

52. Illi kif jirriżulta anke minn awturi kwotati mill-esperta Dr Juliana Scerri Ferrante, hija ħaġa prevedibbli u fin-norma li jkun hemm similaritajiet bejn il-firem ta' missier u iben u dan minħabba r-relazzjoni ġenetika li teżisti bejniethom. Illi għalhekk dan it-tielet rapport la kkonkluda li l-firma uq il-prokura hija falza u lanqas li l-firma hija ta' missier l-appellant u għalhekk huwa wieħed inkonklussiv u mingħajr relevanza.

53. Illi l-valur tar-rapport tal-esperta Dr Juliana Scerri Ferrante mhuwiex biss fl-analiżi dettaljat li hija għamlet tal-firma kkontestata iżda ukoll il-kritika teknika u esperta li jisfidaw l-analiżi, il metodoloġija nu l-konklużjonijiet tar-rapporti mressqa mill-appellant. Ma ninsewx illi kuntrarjamnet għal uħud mill-awturi tar-rapporti ppreżentati mill-appellant, Dr Scerri Ferrante hija speċjalizzata propju f'*handwriting and signiture identification* u hija regolarment imqabbda bħala esperta mill-Qrati nostrana, kif ukoll banek u aġenziji tal-Gvern propju għall-identifikazzjoni ta' firem. Illi għalhekk il-kredenzjali tal-imsemmija esperta huma ferm magħrufa.

54. illi għalhekk m'huwiex b'kumbinazzjoni illi l-Ewwel Onorabbli Qorti hassitha aktar komda illi tistrieħ fuq il-konklużżjonijiet tal-esperta Dr Scerri Ferrante".

18. **It-tielet aggravju: L-Ewwel Qorti ma spjegatx fid-dettall kif waslet għad-deċiżjoni li tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.**

19. Dan l-aggravju huwa wieħed fieragħ għall-aħħar. L-Ewwel Qorti ma laqgħetx l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, anzi qalet li ma kintix sejra tikkunsidraha għaliex ma kellhiex bżonn tagħmel hekk minħabba dak li ddeċidiet fil-mertu.

***Decide***

20. Għal dawn il-motivi, il-Qorti ssib li l-aggravji tal-appellant huma kollha bla bażi, tiċħad l-appell ta' Christopher Rizzo u tikkonferma s-sentenza appellata.

21. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Grazio Mercieca
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm